MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 65/2010

Jamal Ataher **AGHILL**

**Vs**

**AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment mogħti fuq talba magħmula b'rikors imressaq dalgħodu stess mir-rikorrent Jamal Ataher Aghill kontestwalment ma' Rikors dwar ilment ta' dritt fundamentali kontra l-intimati;

Tqis li fl-imsemmi rikors, ir-rikorrent qiegħed jitlob li l-Qorti tieħu l-provvediment provviżorju opportun billi twaqqaf it-

tneħħija tiegħu minn Malta da parti tal-intimat Uffiċċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni;

Tqis li fid-9 ta' Novembru,2010, ir-rikorrent ingħata Ordni ta' Tneħħija minn Malta u, b'seħħ ta' hekk, bħalissa jinsab mżmum b'arrest mill-imsemmi intimat u qiegħed taħt il-kontroll tiegħu;

Tqis li r-rikorrent ġie mgħarraf, permezz tal-konsulent legali tiegħu, li bis-saħħa tal-imsemmi Ordni, huwa sejjer jitneħħa minn Malta;

Tqis li f'Ottubru, 2010, ir-rikorrent talab li jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija u tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates, liema talba ma ntlaqgħetx b'degriet mogħti fl-4 ta' Novembru, 2010;

Tqis li l-istess ordni ta' Tneħħija jsemmi l-jedd tar-rikorrent li jressaq appell minn dak l-Ordni;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mll-għaref difensur tar-rikorrent waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet ix-xhieda tal-intimati;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-disppożizzjonijiet tal-artikoli 17 u 22(3) tal-Kap 217;

Tqis li s-setgħa li din il-Qorti tintalab u tagħti miżuri provviżorji fejn jidħlu kwestjonijiet tal-ilmenti ta' ksur ta' drittijiet fondamentali hija waħda li trid titwettaq biss meta tkun tassew meħtieġa u fejn il-preġudizzju li hemm biżgħa li jiġġarrab ikun hekk qawwi li jġib għal kollox jew b'mod sostanzjali fix-xejn ir-rimedju mitlub[1];

Tqis li r-rimedju provviżorju li jingħata jrid ikun fil-parametri ta' konservazzjoni ta' stat ta' fatt jew ta' liġi bla ma jsewi ta; determinazzjoni fil-mertu tal-kwestjoni li trid tkun dibattuta fil-proċeduri ewlenin;

Rat l-att 25A(5) u 25A(7) tal-Kap 217;

Tqis li la darba r-rikorrent huwa mil-liġi mogħti rimedju biex jikkontesta l-Ordni ta' Tneħħija jkun kontro-sens li dak ir-rimedju jinġieb fix-xejn qabel ma l-benefiċarju jilħaq jitolbu u qabel ma jagħlaq iż-żmien li fih dak ir-rimedju jista' jintalab;

[1] P.A. (Kost) **25/04/2003** fil-kawża fl-ismijiet **Andrew Ellul Sullivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors billi:

**Tilqa' t-talba** fis-sens li tordna lill-intimati biex bl-ebda mod ma jneħħu lir-rikorrent minn Malta sa l-għeluq taż-żmien mogħti mil-liġi lill-istess rikorrent biex iressaq appell mill-imsemmi Ordni jew sakemm jirriżulta li xi appell tempestirament imressaq minnu jkun għadu pendenti. Din l-Ordni m'għandha bl-ebda mod titfisser li qiegħda żżomm lill-intimati milli jkomplu jeżerċitaw fuq ir-rikorrenti s-setgħat kollha li l-liġi tippermettilhom jinqdew bihom u fil-ħarsien tal-istess dispożizzjonijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------